

32005L0007

29.1.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 27/41

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2005/7/KE****tas-27 ta' Jannar 2005****li temenda d-Direttiva 2002/70/KE li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet mitluba sabiex jiġu ddeterminati l-livelli tal-PCBs li jixbħu d-diossina fl-għalf ta' l-annimali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/373/ŻEE ta' l-20 ta' Lulju 1970 dwar l-introduzzjoni tal-Komunità tal-metodi ta' ġbir ta' kampjuni u analiżi, għall-kontroll uffiċjali ta' l-għalf ta' l-annimali<sup>1</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/70/KE tas-26 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet mitluba sabiex jiġu ddeterminati l-livelli ta' diossina u PCBs li jixbħu d-diossina fl-għalf ta' l-annimali<sup>2</sup> tistipula dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-metodi ta' l-analiżi li għandhom ikunu applikati għal kontroll uffiċjali previsti fid-Direttiva 70/373/KEE.
- (2) Il-proċedura tal-ġbir ta' kampjuni stipulata fid-Direttiva tal-Kummissjoni 76/371/KEE ta' l-1 ta' Marzu 1976 li tistabbilixxi l-metodi tal-Komunità tal-ġbir ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' l-għalf ta' l-annimali<sup>3</sup> għandha tkun applikata għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' diossini u sabiex ikunu ddeterminati l-PCBs li jixbħu d-diossina f'ċertu għalf ta' l-annimali. Huwa xieraq li jkun speċifikat li l-kondizzjonijiet kwantitattivi mitluba fir-rigward tal-kontroll ta' sostanzi jew prodotti mxejda b'mod uniformi f'kull parti ta' l-għalf ta' l-annimali jkunu applikati.
- (3) Huwa importanti ferm li r-riżultati analitiċi jkunu rrappurtati u interpretati b'mod uniformi sabiex ikun żgurat approċċ armonizzat ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri kollha.

<sup>1</sup> ĠU L 170, 3.8.1970, p. 2. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

<sup>2</sup> ĠU L 209, 6.8.2002, p. 15.

<sup>3</sup> ĠU L 102, 30.5.2002, p. 1.

- (4) Id-Direttiva 2002/70/KEE għandha għalhekk tkun emendata kif xieraq.
- (5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Annessi għad-Direttiva 2002/70/KE huma emendati skond l-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri ser idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jirrispettaw din id-Direttiva sa, l-aktar tard, tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u l-lista tal-korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Stati Membri għandhom jistabilixxu kif issir kull tali riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kummissjoni*  
*David BYRNE*  
*Membru tal-Kummissjoni*

**ANNEXS**

L-Annessi għad-Direttiva 2002/70/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I hu mibdul b'dan li ġej:

“1. L-iskop u l-firxa ta' applikazzjoni

Il-ġbir ta' kampjuni maħsuba għall-kontroll uffiċjali tal-livelli tal-kontenut tad-diossina (PCDD/PCDF) kif ukoll sabiex ikun stabbilit il-kontenut ta' PCBs(\*) li jixbaħ id-diossina fl-għalf ta' l-annimali, se jittieħed b'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/371/KEE. Il-kondizzjonijiet kwantitattivi mitluba in konnessjoni mal-kontroll ta' sostanzi jew prodotti li huma mxejda b'mod uniformi f'kull parti ta' l-għalf ta' l-annimali hekk kif imfisser fil-punt 5.A. Ta' l-Anness għad-Direttiva 76/371/KEE għandhom jiġu applikati. Il-ġbir globali ta' kampjuni li jinkisbu b'dan it-tali mod se jkun kkunsidrati bħala rappreżentattivi għal-lottijiet jew għas-sublottijiet minn fejn ittieħdu. Il-konformità mal-livelli massimi stipolati fid-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*\*) se tkun stabbilita abbażi tal-livelli stabbiliti fil-ġbir ta' kampjuni tal-laboratorju.

2. Il-konformità tal-lott jew tas-sublott ma' l-ispeċifikazzjoni

Il-lott huwa aċċettat jekk ir-riżultat analitiku ta' analiżi waħdanija ma taqbiżx il-livell massimu rispettiv hekk kif stipolat fid-Direttiva 2002/32/KE filwaqt li tqis l-inċertezza tal-kejl.

Il-lott mhuwiex konformi mal-livell massimu stipolat fid-Direttiva 2002/32/KE, jekk ir-riżultat analitiku kkonfermat minn analiżi dduplikata u kkalokolata bħala l-medja ta' mill-anqas żewġ determinazzjonijiet separati, jaqbeż il-livell massimu mingħajr dubju raġjonevoli meta jkun meqjus l-inċertezza tal-kejl.

L-inċertezza tal-kejl jista' jittieħed in kunsiderazzjoni skond wieħed minn dawn it-trattamenti:

- billi tiġi kkalkolata l-inċertezza li qiegħda tespandi, billi jintuża fattur ta' kopertura ta' 2 li jagħti livell ta' kunfidenza ta' madwar 95%;

- billi jitwaqqaf limitu ta' deċiżjoni ( $CC\alpha$ ) bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/EC (\*\*\*) (punt 3.1.2.5. ta' l-Anness – il-każ ta' sostanzi b'livell permess li huwa stabbilit).

Ir-regoli ta' interpretazzjoni preżenti japplikaw għar-riżultat analitiku miksub minn fuq il-ġbir ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali. Ma jaffetwax id-dritt ta' l-Istati Membri li jiġu applikati regoli nazzjonali għall-analiżi bi skopijiet ta' difiża jew arbitraġġ imsemmija fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 95/53 (\*\*\*) (\*). Skeda tal-PCBs li jixbhu lid-diossina

Konġeneru	Valur TEF	Konġeneru	Valur TEF
<i>Dibenzo-p-diossina ("PCDDs")</i>		<i>PCBs "li jixbhu d-diossina": PCBs non-orto + PCBs mono-orto</i>	
2,3,7,8 - TCDD	1	<i>PCBs non-orto</i>	
1,2,3,7,8 - PeCDD	1	PCB77	0.0001
1,2,3,7,8,9 - HxCDD	0.1	PCB81	0.0001
1,2,3,7,8,9 - HxCDD	0.1	PCB126	0.1
1,2,3,7,8,9 - HxCDD	0.1		

1,2,3,4,6,7,8 - HpCDD	0.01	PCB169	0.01
OCDD	0.0001	<b>PCBs mono-orto</b>	
<b>Dibenżofurani ("PCDFs")</b>		PCB105	0.0001
2,3,7,8 - TCDF	0.1	PCB114	0.0005
1,2,3,7,8 - PeCDF	0.05	PCB118	0.0001
2,3,4,7,8 - PeCDF	0.5	PCB123	0.0001
1,2,3,7,8,9 - HxCDD	0.1	PCB156	0.0005
1,2,3,7,8,9 - HxCDD	0.1	PCB157	0.0005
1,2,3,7,8,9 - HxCDF	0.1	PCB167	0.00001
2,3,4,6,7,8 - HxCDF	0.1	PCB189	0.0001
1,2,3,4,6,7,8 - HpCDD	0.01		
1,2,3,4,7,8,9 - HpCDF	0.01		
OCDF	0.0001		

Abbrevjazzjonijiet użati: "T" = tetra; "Pe" = penta; "Hx" = hexa; "Hp" = hepta; "O" = octa; "CDD" = clorodibenzo-p-diossina; "CDF" = clorodibenzofuran; "CB" = chlorobifenili.

(\*\*) ĠU L 140, tat-30.5.2002, p. 10.

(\*\*\*) ĠU L 221, tas-17.8.2002, p. 8.

(\*\*\*\*) ĠU L 265, tat-8.11.1995, p. 17"

(2) Fl-Anness II, il-paragrafu li jmiss huwa miżjud fl-aħħar tal-punt 2. Sfond:

“Għall-għanijiet ta’ din id-Direttiva biss, il-limitu speċifikat aċċettat ta’ kwantifikazzjoni ta’ ħaġa ta’ l-istess klassi huwa l-konċentrazzjoni ta’ analita li tinsab fl-estratt ta’ kampjun li jipproduċi risposta instrumentali f’żewġ joni differenti, li għandhom ikunu sorveljati bi proporzjon S/H (Sinjal/ħoss) ta’ 3:1 għall-anqas sinjal sensitiv u sabiex jintlaħqu l-kondizzjonijiet bażiċi meħtieġa bħal per eżempju, iż-żmien ta’ ritensjoni, il-proporzjon ta’ l-isotopu skond il-proċedura tal-kalkolu hekk kif deskritta fil-metodu EPA 1613 revizzjoni B.”